# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAL-GĦID (B)

## Ġw 20,19-31

It-test tal-vanġelu ta' dan il-Ħadd jiġbor fih tlitt mumenti: il-laqgħa ta' Ġesù rxoxt mad-dixxipli *fl-ewwel jum tal-ġimgħa*; il-laqgħa tad-dixxipli ma' Tumas; u t-tieni laqgħa ma' Ġesù *tmint ijiem wara* meta Tumas qiegħed mad-dixxipli. Fl-aħħar insibu l-konklużjoni u l-motivazzjoni għall-kitba tar-Raba' Vanġelu. It-tlitt mumenti li semmejna huma fi qbil mar-rakkont tad-dehriet fis-Sinottiċi iżda ma jonqosx it-timbru proprju tal-awtur. L-iskema ġenerali anke fis-Sinottiċi tippreżenta d-diffikulta' tad-dixxipli mingħajr Ġesù, il-miġja tiegħu bla mistenni, l-għarfien min-naħa tad-dixxipli u l-mandat missjunarju.

Id-dehriet ta' Ġesù jseħħu *fl-ewwel jum tal-ġimgħa* (v.19) u mbagħad *tmint ijiem wara* (v.26), dejjem fil-jum tal-qawmien. Dan huwa l-ewwel jum, il-jum tal-ħolqien u t-tmien jum, il-jum tal-ħajja ta' dejjem. Anke għalina, bħalma kien għall-Komunita' tal-Vanġelu, id-dehra ta' Ġesù u l-għotja tad-doni tiegħu sseħħ fil-jum tal-Ħadd.

*Id-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa* (v.19). Minħabba l-istess biża' *ħadd ma kien jitkellem fuqu bil-miftuħ* (7,14) u Ġużeppi kien *dixxiplu bil-moħbi* (19,38) għalkemm ħareġ fil-beraħ fil-mewt ta' Ġesù. Dak li l-grupp tad-dixxipli se jagħmel wara l-qawmien, Ġużeppi qiegħed diġa jagħmlu fil-mewt ta' Ġesù. L-għotja tal-Mulej tkeċċi l-biża' u l-qawwa tal-Ispirtu li Ġesù jagħti minn fuq is-Salib tifforma lid-dixxiplu. Għax *fl-imħabba ma hemmx biża'; l-imħabba sħiħa tkeċċi l-biża', għax il-biża' għandu x'jaqsam mal-kastig. Min jibża' għadu ma sabx il-milja tal-imħabba* (1Ġw 4,18).

Iżda l-parti l-kbira tad-dixxipli ma kinux taħt is-salib u kienu *mbeżżgħa* u *bil-bibien magħluqa* — il-biża' hi tassew mutur ta' azzjoni jew staġnar. F'dan il-każ timbarra l-bibien. Fil-każ tiegħi... — għax għadhom ma rawx *il-milja tal-imħabba*. Iżda la ma marrux huma... *ġie Ġesù*

*u qagħad f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"* (v.19). Il-Mulej, li kien wiegħed li ma jħallihomx *iltiema* (14,18) jidher lid-dixxipli. Kif il-Missier ma jħallihx waħdu (16,32) anke Ġesù ma jitlaqx lil dawk li telquh (16,32). Jihder li aktar ma hi kbira l-infedeltà, akbar hi l-imħabba tiegħU. Infatti Ġesù jagħti lid-dixxipli mbeżża' l-istess *sliem* tiegħu, differenti minn dak li *tagħti d-dinja* (14,27). Is-sliem ta' Ġesù hu tema prinċipali f'din is-silta tant li għal 3 darbiet tirrepeti ruħha din il-frażi *s-sliem għalikom*.

Ġesù jagħti l-paċi waqt li juri *jdejh u ġenbu* (v.20). Il-marki tal-imsiemer u tal-lanza huma xhieda tar-rifjut tal-bniedem, iżda l-irxoxt jibdel dan ir-rifjut f'għotja ta' sliem. F'nofs id-dixxipli Huwa jibqa' l-imsallab. Il-qawmien ma jeqridx dawk is-sinjali. Anzi jsiru t-tifkira ħajja tal-infedeltà tiegħi iżda wkoll tar-rebħa tal-imħabba fuq dnubi. Isiru wkoll il-prova ħajja li tista' tgħix il-qawmien għalkemm bil-marka tal-pjagi. Fit-tliet mumenti tas-silta tal-lum, kollox idur ma' dawn il-marki. Hija din id-dehra tal-ġisem ta' Ġesù ċ-ċentru tat-test kollu. L-istedina għall-qarrej hija ċara: din ix-xena għandha tkun iċ-ċentru ta' ħajti wkoll.

*Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej* (v.20). Ir-riżultat tal-laqgħa huwa l-ferħ. In-nuqqas ta' Ġesù jwassal għad-*dwejjaq*, iżda kif wiegħed *għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom* (16,22) għax ikun *il-ferħ sħiħ ta' Ġesù* (17,13). Hu sinifikattiv li biex id-dixxiplu wasal għal dan il-ferħ Ġesù għadda mill-passjoni u *ħalla* lid-dixxipli tiegħu.

*Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom* (v. 21). Il-mibgħut huwa Ġesù. Issa Hu jagħmel lid-dixxipli parti minn din il-missjoni. Il-privileġġ u fl-istess waqt il-fiduċja huma kbar tassew . Tant ieħor hi missjoni perikoluża. Faċli li d-dixxiplu jinsa min qed jibgħatu jew fil-missjoni ta' min qed jipparteċipa. Ġesù kontinwament jibgħat lid-dixxipli (*πέμπω*) bħalma l-Missier għadu jibgħat lil Ibnu (*ἀπέσταλκέν*). L-imgħallem u d-dixxiplu donnhom qegħdin jitwaħħdu f'persuna waħda. Din l-identità ġdida hija l-frott tal-għoti tal-Ispirtu s-Santu. Infatti, *kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu (v.* 22). Il-verb *ἐμφυσάω* hu wżat biss hawn fit-Testment il-Ġdid. Fl-Ewwel Testment insibuh użat fost l-oħrajn f'Gen 2,7 u f'Eżek 37,9 f'kuntesti ta' ħolqien. Ġesù qed jagħti l-Ispirtu tiegħu u jagħmel mid-dixxipli ħolqien ġdid; persuni ġodda li qed jipparteċipaw mill-istess missjoni ta' Ġesù u għalhekk għandhom is-setgħa *jaħfru* jew *iżommu* d-dnubiet (v. 23). Fil-verità huwa *l-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja* (1,29) u huwa *d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu (li)*

*jnaddafna minn kull dnub* (1Ġw 1,7). Min-naħa ta' min jirċievi din il-maħfra il-kundizzjonijiet huma l-għarfien tad-dnub personali, l-istqarrija tiegħu u l-fidi f'Ġesù. *Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, nkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen. Jekk ngħidu li ma dnibniex, nkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina* (1Ġw 1,8-10). *Weġibhom Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub. Imma issa qegħdin tgħidu, 'Aħna naraw.' Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom"* (9,41). *Għax jekk intom ma temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom* (8,24). U d-dixxiplu jagħraf min hu Ġesù *meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, mbagħad tagħrfu li jiena hu* (8,28). Iċ-ċentru ta' dan il-vanġelu huwa infatti l-marki tal-pjagi u tal-kustat.

Iżda *Tumas ma kienx magħhom meta ġie Ġesù* (v. 24); ma jemminx ix-xhieda tad-dixxipli u jfassal il-kundizzjonijiet tiegħu biex jemmen b'mod kategoriku (*οὐ μὴ πιστεύσω* ma nemminx żgur). Fl-aħħar tas-silta Ġesù jsejjaħ *ħenjin* lil *dawk li ma rawx u emmnu* (v. 29). Id-dixxiplu l-maħbub, ftit qabel *ra u emmen* (20,8), għalkemm ra l-qabar vojt. Għalhekk il-pożizzjoni ta' Tumas tpoġġih f'distanza kbira mill-ideal. Madanakollu, *tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"* (v. 26). Ġesù jagħżel li jerġa' juri lilu nniffsu, din id-darba anke lil Tumas minkejja ċ-ċirkustanzi xejn favorevoli. (Din mhiex l-ewwel darba li Tumas mhux fuq l-istess frekwenza; ara 11,16; 14,5). Min-naħa tiegħu anke Tumas għamel xi ħaġa differenti. Din id-darba hu jinsab mad-dixxippli l-oħra. Jidher li dan ukoll hu element fundamentali. Tumas *jinsab magħhom*, għalkemm qegħdin fuq livelli differenti, għalkemm għadu ma wasalx għal fidi f'Ġesù, għalkemm mhux jemmen lil sħabu stess! (F'dan il-vanġelu r-reżistenzi u d-dubji fil-kuntest tal-qawmien qed jiġu konċentrati f'persuna, bħalma hi karatteristika tal-evanġelista. Anke fis-Sinottiċi nsibu l-istess dubji, imma b'mod aktar ġenerali.)

Ġesù jindirizza mill-ewwel lil Tumas: *Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen* (v. 27). Il-Mulej donnu qiegħed jaċċetta l-kundizzjonijiet ta' Tumas, għalkemm *henjin dawk li ma rawx u emmnu* (v. 29). Qiegħed jaċċetta l-bżonn partikulari tiegħu. Fl-istess waqt, il-kmand ta' Ġesù lil Tumas biex *iġib* u *jressaq* idu, għandhom xejra ta' xi ħaġa li m'għandhiex tkun ta' darba, iżda azzjoni

ripetuta tant li huma fil-preżent. Id-dixxipli ta' kull żmien li ma rawx lil Ġesù fiżikament, issa jaslu għal din l-esperjenza grazzi għax-xhieda tal-ewwel dixxipli. Ir-Raba' Vanġelu jagħmilha ċara ħafna li l-ħars mhux kollu l-istess tant li ħafna raw is-sinjali ta' Ġesù u ma waslux għall-fidi. Għalhekk is-sejħa ta' Ġesù lil Tumas, *tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen* (v. 27), issir is-sejħa ta' kulħadd.

Tumas juri l-maturazzjoni tal-fidi tiegħu fl-istqarrija *Mulej tiegħi u Alla tiegħi!* (v. 28) li tikkumplimenta l-bidu tal-vanġelu. *Il-Kelma li saret laħam* (1,14) hu l-istess Irxoxt bil-marki tal-pjagi u tal-kustat. Dak li, *li dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla* u *li twieldu mhux bid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla* (1,13) issa *jonfoħ* u joħloq mill-ġdid lill-bniedem. Hu għalhekk li d-dixxipulat fi Ġwanni mhux karatterizzat qabel xejn minn xi eżiġenzi morali imma pjuttost minn mixja interjuri ta' fidi mmexxija minn Ġesù. Dan ma jfissirx li l-aspett morali/konkrett huwa skartat, tant li l-unika beatitudni l-oħra tal-vanġelu nsibuha dritt wara l-ħasil tar-riġlejn: *Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, ħenjin intom jekk tagħmluhom* (13,17).

V. 30-31 iservu ta' għeluq għall-Vanġelu. Huma mhumiex biss l-għeluq imma wkoll iċ-ċavetta interpretattiva għall-*ktieb* kollu. *Dawn inkitbu sabiex intom temmnu* (jew *tkomplu temmnu*) *li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.* Il-ħajja — spiss fi Ġw *il-ħajja ta' dejjem* — hi għalhekk marbuta mat-twemmin fiH. U l-ħajja se nirċevuha *f'ismu*, permezz tiegħu, l-istess ħajja tiegħu għax *l-isem* huwa l-persuna. Din il-ħajja, la hi l-istess ħajja ta' Ġesù, tikkonsisti fl-imħabba li hi aktar qawwija mill-mibgħeda, fil-komunjoni sħiħa mal-Missier u fl-għaqda mal-aħwa. *Tassew tassew ngħidilkom li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja (5,24).* Huwa ċar li l-ħajja ta' dejjem għandha x'taqsam ukoll mal-preżent. Min jemmen diġà *għadda mill-mewt għall-ħajja.*